

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-kompatibbiltà tal-ġħajnuna mad-deroga stabbilita fl-Artikolu 106(2) TFUE – Ksur ta' liġi – Ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni

- F'dan ir-rigward jiġi sostnū li d-deċiżjoni tas-17 ta' Ġunju 2021 hija f'kull każ iż-żball manifest ta' interpretazzjoni u ta' applikazzjoni tal-liġi Ewropea, kif ukoll mill-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni tal-konvenuta, sa fejn il-Kummissjoni – mingħajr ma wettqet ebda analiżi fir-rigward – eskludiet il-kompatibbiltà tal-ġħajnuna favur Società Navigazione Siciliana SCpA mad-deroga stabbilita fl-Artikolu 106(2) TFUE għas-Servizzi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali (SIEĠ).

---

### Rikors ippreżentat fil-15 ta' Ottubru 2021 – Siremar vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-668/21)

(2022/C 2/58)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

#### Partijiet

Rikorrent: Sicilia Regionale Marittima SpA – Siremar (Ruma, l-Italja) (rappreżentanti: B. Nascimbene, F. Rossi Dal Pozzo u A. Moriconi, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

#### Talbiet

Ir-rkorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tas-17 ta' Ġunju 2021, sa fejn tikkonċerna l-Artikoli 2 u 3;
- sussidjarjament, tannulla l-Artikoli 5 u 6 tad-deċiżjoni li tordna l-irkupru tal-allegata ġħajnuna, u tiddikjara dan l-irkupru immedjat u effettiv;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rkorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 107(1) u 108(2) TFUE, kif ukoll tal-Linji gwida għas-salvataġġ u r-ristrutturar tal-2004.
  - F'dan ir-rigward huwa argumentat li d-deċiżjoni kkontestata fiha żball ta' liġi fl-applikazzjoni tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE, inkluż f'dak li jikkonċerna l-Linji gwida tal-2004, sa fejn ikkonkludiet li l-ġħajnuna ta' salvataġġ mogħtija lil Siremar għiet estiża illegalment għal sena u li hija inkompatibbli mar-regoli tal-Unjoni Ewropea dwar l-ġħajnuna mill-istat.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 107(1) u 108(2) TFUE f'dak li jikkonċerna l-eżenzjonijiet mill-pagament ta' ċerti taxxi.
  - Huwa argumentat f'dan ir-rigward li d-dritt għall-eżenzjoni mit-taxxa kontenzu ja huwa suġġett għall-kundizzjoni iddefiniti b'mod ġenerali mill-proċeduri ta' falliment.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' amministrazzjoni tajba fir-rigward tat-tul tal-proċedura u l-illegalità konsegwenti tal-ordni ta' rkupru.
  - F'dan ir-rigward huwa argumentat li l-proċedura ta' investigazzjoni li hija s-suġġett ta' kritika hawnhekk damet tul ta' żmien eċċessiv, bi ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' amministrazzjoni tajba, kif ukoll tal-prinċipji ġenerali li huma l-korollarju tagħhom.